MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 735/2005/1

**Anthony u Therese konjugia Mallia**

**vs**

**Armstrong Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Marzu, 2005 fejn intalab illi s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800.00) rapprezentanti valur ta' hsarat u danni li gew ikkawzati fil-bieb ta' barra tar-residenza tal-atturi minhabba xoghol hazing, negligenti u kontra s-sengha u l-arti esegwit mill-konvenut prevja okkorrendo dikjarazzjoni

opportune ta' responsabilita` u kwindi kundanna ghal hlas tal-ammont kif mitlub jew kwalsijasi soma ohra verjuri li jista' jirrizultalhu dan it-Tribunal.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-21 ta' April, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol in kwistjoni sar skond l-arti u s-sengha u ma gew ikkawzati l'ebda hsarat u danni lill-istess atturi.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semgha x-xhieda ta' Theresa Mallia, Alan Mallia, Gordon Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. Dan il-kaz jirrigwarda Danni li allegatament graw f'bieb ta' barra meta dan ittiehed biex jitqaxxar u jigi lustrat mill-gdid.
2. Jirrizulta li l-biex originarjament kien ittiehed mill-konvenuti filghodu u rega tpogga fil-ghaxija ta' l-istess jum. Jirrizulta li meta tpogga, l-attrici ilmentat li kien matt. Jirrizulta li sussegwentement il-konvenuti regghu hadu l-bieb ghall-gurnata, u gabuh ileqq.
3. Jirrizulta li merta rega twahhal f'postu dehru xquq, tant li dahal l-ilma minnu. L-attrici ghalhekk qed titlob prezz ta' bieb gdid.
4. Saret allegazzjoni li intuzat certa kimika fuq il-bieb. Fil-fatt li ntuza kien "paint remover" il-bieb kien thalla ghall tletin minuta f'banju ta' paint remover gel. Gie nnutat li minhabba li jintuza gel l-bieb ma jixxarrabx. Dana sar sabiex jitnehha l-lostru li kien sarlu u jitqieghed lostru gdid.
5. Mil-fatti it-Tribunal hu soddisfatt li x-xoghol ma sarx sew, tant li kien hemm diversi xquq fil-bieb, tant li l-istess konvenut baghat nies biex ipoggu rubber madwar il-bieb biex jissiggillwah, ghalkemm wiehed irid izomm dan fil-perspettiva ta' dak li qed jghid il-konvenut lid an sar sabiex izommu lill-klijenta kuntenta.
6. Ma hemmx prova dwar kemm kien jiswa dan il-bieb. Pero` hemm prova li thallsu mija u disghin lira ghat-tiswija

tieghu u ta' tieqa. It-Tribunal ghalhekk qed jilqa biss it-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u disghin lira Maltija.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u disghin lira Maltija (Lm190.00), u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mija u disghin lira Maltija (Lm190.00).
L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi."

Jidher li s-sentenza appena riprodotta ma ghogbot lill-ebda wiehed mill-kontendenti. Bl-appell principali taghhom l-atturi jikkwerelaw dik il-parti taghha fejn it-Tribunal irrileva li ma kienx hemm prova dwar kemm kien jiswa l-bieb li fuqu hadmet is-socjeta` konvenuta. Huma, invece, jikkontendu li gew esebiti minnhom fl-atti zewg stimi bhala prova ta' kemm jiswa l-bieb u dawn gew injorati mit-Tribunal;

Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta, bl-appell incidentali taghha, tikkontesta l-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal ghal dak li hu l-apprezzament tal-provi, ir-responsabilita` taghha u l-kwantum tad-danni likwidati. Hi tilmenta li ma tressqet ebda prova dwar xquq fil-bieb u, fil-kaz tad-danni, it-Tribunal kien zbaljat meta inkorpora fihom anke l-valur tax-xoghol relattiv ghat-tieqa;

Kwantu ghall-aggravju kontenut fl-appell principali, hu bil-wisq pacifiku illi l-ezistenza u l-entita` tad-danni jridu jigu ppruvati mill-kreditur-danneggjat. L-atturi appellanti jippretendu illi d-danni ghalihom jekwiparaw il-valur ta' kemm jigi jiswa bieb gdid. Kien ghalhekk li huma esibew zewg stimi (fol. 21 u fol. 22). Invece, ir-ragonament tat-Tribunal segwa binarju divers minn din il-pretensjoni ta' l-appellanti. Huwa, korrettement fil-hsieb tal-Qorti, irravviza li l-appellanti ma gabux prova ta' kemm kien jiswa effettivament il-bieb fl-istat *ante quo* x-xoghlijiet esegwiti

fuqu mis-socjeta` konvenuta u konsegwentement iddecieda li din is-socjeta` ma ghandhiex titghabba bl-ammont shih pretiz fl-avviz, hekk korrispondenti ghall-valur ta' bieb gdid;

Dan li appena gie registrat hu, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, sew logiku u gustizzja sostanzjali. Fir-rigward taghmel dawn ir-riljievi:-

(1) Ibda biex il-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu fil-kaz ta' dannu akwiljan jew, kif inhu hawn il-kaz, ta' adempjenza inezatta u mhux skond l-arti u s-sengha fil-kaz ta' dannu kontrattwali. Ma ghandu qatt, imbaghad, jintilef di vista illi funzjoni primarja ta' l-obbligu tar-rizarciment hi l-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr ta' dik il-qaghda *ante quo* ix-xoghlijiet;

(2) Isegwi skond principju sovran illi ghandha tigi kalkolata dik is-somma ta' flus li tkun adegwata biex taghmel tajjeb lil min sofra d-dannu (**Kollez. Vol. XXXVII P III p 863**). Somma din li trid tekwipara l-valur ta' l-utilitajiet mitlufa. Ara "**Antonio Zammit -vs- Mario Calleja**", Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977;

(3) Dan ifisser illi min ibati d-dannu ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagonata lilu l-hsara. Ara **Kollez. Vol. XLIX P I p 526**;

(4) Naturalment, id-dannu jrid ikun reali, attwali u in korrispondenza ma' l-accertament tax-xoghlijiet li jigu dikjarati inidoneji. F' kull kaz kien jinkombi fuq l-atturi li jfornu prova ta' l-istat tal-bieb u tal-valur tieghu antecedenti ghax-xoghlijiet ezegwiti. Dan qed jigi rilevat ukoll in kwantu, fuq l-evalwazzjoni taghha tar-rizultanzi processwali, din il-Qorti mhix konvinta li l-istat attwali tal-bieb kien ghal kollox ir-rizultat dirett tal-prestazzjonijiet li ghamlet fuqu s-socjeta` konvenuta. Hekk, jekk wiehed joqghod ghax-xhieda ta' Gordon Farrugia (fol. 28), il-

kondizzjoni tieghu meta hu ra l-bieb l-ewwel darba kienet dik li dan kien mibrum u kellu ftit laxk mic-caccis;

Dan premess, hemm imbaghad konsiderazzjoni ohra li trid issir. Fejn jirrizulta illi d-dannu ma jistax jigi provat b' mod preciz, jew f' kaz ta' diffikolta rilevanti ghad-determinazzjoni tieghu, it-Tribunal adit, proprju ghaliex hu fakoltizzat jiddeciedi principalment skond l-ekwita` [Artikolu 7 (1), Kapitolu 380], jista' jasal ghall-kwantifikazzjoni tieghu bil-metru ta' valutazzjoni ekwitattiva. Dan, s' intendi, billi jzomm dejjem prezenti c-cirkustanzi partikulari u dawk il-fatti rizultanti lilu mill-istruzzjoni probatorja tal-kawza, u, basta wkoll, li hu jaghti raguni kongruwa, anke jekk sommarja, tal-process logiku-guridiku segwit minnu biex jasal ghad-decizjoni. Salv ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel fil-konsiderazzjoni ta' l-appell incidentali, ir-ragonament adottat mit-Tribunal f' dan il-kaz ma jistax jitqies li jiddifetta minn zbalji ta' fatt jew ta' dritt u ghalhekk l-aggravju ta' l-atturi in bazi ghall-konsiderazzjonijiet zvolti ma jistax jigi akkolt;

Riferibilment ghall-appell incidentali jigi osservat illi, bil-kontra ta' dak dedott mis-socjeta` konvenuta, il-prova dwar l-ezistenza ta' "xquq" fil-bieb tirrizulta kemm mix-xhieda ta' l-attrici Therese Mallia (fol. 13) kif ukoll minn dik ta' binha Alan Mallia (fol. 16). Precizat dan, din il-Qorti hi mbaghad sodisfatta, bhat-Tribunal qabilha, illi s-socjeta` konvenuta ma ezegwietx ezattament il-prestazzjoni lilha affidata, ossija omettiet l-isforz ta' dik id-diligenza tal-*bonus paterfamilias* li jippreciza l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili u li kienet hekk tikkonsentilha l-adempiment sew, u skond l-arti, tal-prestazzjoni;

Dan affermat, il-Qorti ssib gustifikazzjoni fl-ilment taghha dwar il-likwidazzjoni tad-danni. It-talba attrici skond l-Avviz hi limitata ghad-danni fil-bieb ta' barra biss. Il-kwantifikazzjoni pero` da parti tat-Tribunal tinkorpora fiha kemm il-valur tax-xoghol li sar mis-socjeta` appellanti fuq il-bieb (Lm 150) kif ukoll il-valur tax-xoghol li sar fuq it-tieqa (Lm40), li dwar il-bonta tieghu ma tqajmu ebda

ilmenti u ma tressqet ebda talba. L-ekwita tiddetta li dan l-ahhar valur ma kellux jigi integrat fl-ammont tal-likwidazzjoni u ghalhekk din il-Qorti ser tahseb biex teliminah mill-komputa tal-kompensazzjoni li ghamel it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrigetta l-appell principali ta' l-atturi. Tilqa' in parti l-appell incidentali fis-sens illi d-danni likwidati ghandhom ikunu limitati ghas-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150). Mill-kumplament is-sentenza appellata qed tigi kkonfermata, b' dan li, fic-cirkustanzi, hu xieraq li kull parti thallas l-ispejjez gudizzjarji ta' l-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------